KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 08/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 08

*L-Erbgħa 12 ta' Frar 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros - *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Axisa u Bartolo talbu sabiex ikunu skużati minħabba xogħol. Il-membri qablu li jkunu skużati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 07 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Talba għar-regolarizzazzjoni tal-*un/loading bay* tal-ħanut Antonio Piscopo hekk kif jidher li din ma kienitx reġistrata fuq is-sistema ta' Transport Malta. Il-membri iddiskutew din it-talba u qablu li filwaqt li din għanda titressaq lill-Awtorità, għandu jerġa isir appella lill-istess Awtorità sabiex tikkunsidra l-problema ta' parkeġġ fil-lokalita meta qed jiġu approvati talbiet simili. Is-Sindku fakkar li dwar dawn il-problemi huwa kellu jiltaqa' mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità però sa issa kien għadu ma rċieva l-ebda appuntament.

3.2. Talba mingħand il-Kummissjoni Festa-Kristu Re għal-*no objection letter* sabiex isir ħruq tan-nar minn tax-Xewk (limiti ta' Paola), Ġnien il-Mediterran, Ġnien St. Ubaldeska u Pjazza Antoine De Paule. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla illi fid-dawl tat-talba ta' Ġnien il-Mediterran huwa kien talab parir lid-Direttur ta' Ambjent Malta hekk kif l-istess entita kienet qed tħawwel numru ta' siġar u pjanti fl-istess ġnien bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-ġnien. Fil-parir tiegħu anness, l-istess Direttur kien qed joġġezzjona għall-ħruq tan-nar mill-ġnien fid-dawl tal-ħsara li sargħet u tista' terġa ssir lill-pjanti li qed jitħawlu kawża tal-ħruq tan-nar. Il-membri iddiskutew il-materja u qablu li isir l-approvazzjoni għall-ħruq tan-nar fil-postijiet imsemmija għajr Ġnien il-Mediterran u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jinforma lill-Kummissjoni Festa sabiex isibu post ulterjuri.

3.3. Korrispondenza mingħand sidien ta' ħanut fil-parti ta' isfel tal-pjazza De Paule li qed jitolbu li jkun hemm ħin ristrett sabiex isir ħatt tal-merkanzija fl-ewwel tlett metri tal-kurutur tal-pjazza. F'dan ir-rigward is-Sindku semma wkoll l-abbuż li qed isir mill-bollards li hemm fil-pjazza. Il-membri iddiskutew dan u qablu li `il quddiem għandu

isir pjan sħiħ fuq l-użu tal-pjazza mal-għaqdiet u l-ħwienet sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni għal-kullħadd.

4. **Stqarrijiet Finanzjarji 2019**

4.1. Is-Sindku stieden lill-accountant tal-Kunsill sabiex tispjega l-konklużjonijiet tal-istqarrijiet finanzjarji li fost l-oħrajn jinkludu żieda fil-profitt mis-sena l-oħra. L-accountant kompliet billi infurmat lill-membri illi l-Kunsill kompla jsaħħaħ il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu b'bilanċ pożittiv għas-sena 2019 ta' €74,743 kif ukoll il-flus il-bank kienu jammontaw għall-€1.3 miljun. Il-membri approvaw l-Istqarrijiet Finanzjarji kif ukoll ir-rapporti finanzjarji l-oħra kif ppreżentati u annessi ma' dawn il-minuti.

*Il-Viċi Sindku Darren Lynch telaq mil-laqgħa.*

5. **Karnival**

5.1. Il-Kunsilliera Yvonne Arqueros informat lill-membri bix-xogħol kollu li kien qed isir fuq id-dramm li ser isir bejn l-iskola ALP, ċ-ċentru Anzjanità Attiva tal-Kunsill u id-*Drama Unit* u tal-Ministeru tal-Edukazzjoni fl-okkażjoni tal-Karnival. Hija irringrazzjat lil kull min kien qed jassisti fosthom is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku u l-staff tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Arqueros talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex isir avviż lil media dwar l-attività. Il-membri irringrazzjaw lill-Kunsilliera Arqueros tal-impenn tagħha.

5.2. Is-Sindku informa lill-membri bl-aħħar preparamenti għall-attività tal-Karnival fil-Pjazza De Paule fejn qal li ser ikun hemm parata ta' tlett baned fosthom banda bis-sehem tal-għaqdiet tal-lokalita kif ukoll programm ta' żfin fil-pjazza quddiem il-Knisja. Il-membri qablu li jekk l-attività tkun ikkanċellata minħabba l-maltemp ma tiġix posposta għall-ġurnata oħra.

6. **Skema LC Care**

6.1. Il-Kunsilliera Arqueros infurmat lill-membri illi fid-dawl tal-kuntratt iffirmat relatat mal-iskema LC Care għandu isir reġistru tal-cat feeders tal-lokalita fejn ikunu huma biss li jibbenefikaw mill-iskema ta' neutering li ser issir. Infatti wara din il-laqgħa ser issir laqgħa apposta għall-dawn il-persuni.

**7. Korsijiet Life-long Learning**

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi infetħu l-applikazzjonijiet għall-iskemi tal-*life long learning*. Il-Kunsilliera Arqueros responsabbli mill-edukazzjoni, qalgħet li rat ftit il-korsijiet li kien hemm u ssuġġerit numru ta' korsijiet sabiex issir l-applikazzjoni kif ukoll qalgħet li għanda issir analiżi tal-postijiet fejn jistgħu isiru dawn il-korsijiet. Il-membri qablu.

**8. Immaniġġjar tat-traffiku-Triq il-Foss**

8.1. Is-Sindku qal li kien avviċinat minn residenti fi Triq il-Foss dwar il-problema ta' din it-triq fejn vetturi jipparkjaw quddiem il-bibien tan-nies u jsakkruhom ġewwa fid-dawl li din it-triq hija bla bankina. Il-membri iddiskutew il-każ u qablu li jintalab parit tal-Awtorità għat-Trasport dwar il-każ.

**9. Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.1. Is-Sindku qal li tlesta ix-xogħol fi Triq iċ-Ċimiterju kif ukoll ser jitkomplew laqgħat ma' Infrastruttura Malta dwar toroq oħra.

9.2. Is-Sindku informa lill-membri illi wara li twaqqfu l-pagamenti tal-ELC minħabba bosta nuqqasijiet, huwa kien iltaqa' mad-Direttur tal-istess entita u kien hemm qbil illi l-lokalita ta' Paola ser tingħata prijorità u dan seta' jidher f'dawn l-aħħar ġimgħat. Għaldaqstant kien qed iressaq fil-pagamenti il-kontijiet pendenti tal-istess entita sabiex jitħallsu. Is-Sindku kompla billi informa lill-membri illi issa ser issir ukoll laqgħa mal-Kunsillier responsabbli Neville Camilleri sabiex ikompli jissaħħaħ ix-xogħol fil-lokalità.

**10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

10.1. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar iz-zebra crossing fi Triq Żabbar li tinsab bla rampa. Is-Sindku qal li minn erbatax il-zebra Cross li hawn fil-lokalita hawn tlieta li għadhom bla rampi. Huwa kompla li huwa konxju ta' dan però kulħadd jaf li l-kuntratturi kollha impenjati fuq xogħol tal-gvern u ser ikompli jara li b'xi mod jew ieħor issir.

10.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar l-andament tal-iskema tal-Kunsill li kienet ħarġet b'rabta mas-servizz b'xejn ta' tiswija/*formatting* tal-laptop/kompjuters. Is-Sindku qal li huwa infurmat li kien hemm rispons tajjeb. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser ikun qed jitlob dettalji tal-persuni li kienu attendew lill-istess kuntrattur.

10.3. Il-Kunsillier Camilleri staqsa dwar il-proċess tas-CCTV pendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien tkompla ix-xogħol mad-*Data Protection Officer* dwar ir-rapporti li għandom isiru kif ukoll qed jintalbu il-kwotazzjonijiet. Sargħet ukoll pressjoni mal-LESA sabiex jitkompla ix-xogħol fuq ta' Triq Żabbar li kella issir mill-istess entita. Il-Kunsillier Camilleri żied illi xtaq jiċċara li għal kuntrarju ta' kif jaħseb ħaddieħor, il-proċess sabiex isir CCTV mhux wieħed sempliċi.

**11. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 08 għas-somma ta' €100,928.55.

11.2. Il-membri tal-Kunsill qablu wkoll li l-internet banking tal-kunsill marbuta mal-kontijiet tal-Bank of Valletta jinqaleb sabiex minn "view only" isir "full rights" u b'hekk ikunu jistgħu isiru wkoll tranżazzjonijiet online tal-pagi u l-onoraria.

**12. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 18 ta' Marzu 2020.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 18 ta' Marzu 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |